MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1783/2001/1

**A B C f' ismiha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' binha l-minuri D**
**vs**
**E C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu 2000 gewwa l-Ingilterra;

Peress illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifel, D ta' sentejn;

Peress illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli sew minhabba inkompatibilita' ta' karattru, kif ukoll minhabba sevizzi, theddid u ngurji gravi da parte tal-

konvenut fuq l-attrici u binhom il-minuri D, kif ukoll minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

Peress illi l-kontendenti bdew jghixu separatament ftit xhur biss wara li zzewgu u gew jghixu Malta;

Peress illi ghal dawn ir-ragunijiet, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili awtorizzat il-partijiet jipprocedu f' dina l-istanza ghas-separazzjoni personali taghhom u dana skond digriet datat 25 ta' Ottubru 2001 hawn anness u mmarkat bhala Dok. AC;

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet imsemmija, ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn zewgha l-konvenut;

3. Tiddeciedi dwar il-kura u l-kustodja tat-tifel minuri D, billi tafda lill-attrici esklussivament bil-kura u l-kustodja tieghu;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarja ghaliha u ghal binha l-minuri, skond dawk il-modalitajiet li dina l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha tistabbilixxi;

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;

6. Tillikwida l-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, okkorendo b' opera ta' periti nominandi u taqsam l-istess komunjoni f' zewg porzjonijiet li jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, huwa minnu li z-zwieg bejn il-konjugi C m’ ghadhiex aktar possibli u dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici, li ilha minn zmien twil f’ relazzjoni ma’ terza persuna u ghalhekk ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali.

2. Illi, fit-tieni lok minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament, it-talba tal-attrici ghas-separazzjoni personali bejn il-konjugi C, minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili.

3. Illi, fit-tielet lok l-eccipjent jaqbel mat-tieni talba tal-attrici.

4. Illi, fir-raba’ lok, fir-rigward tat-tielet talba, l-eccipjent jopponi ghaliex il-kura u kustodja tal-minuri D ghandha tinghata esklussivament lilu.

5. Illi, fil-hames lok, l-eccipjent jikkontesta ir-raba’ talba attrici, stante illi hija tahdem u ghandha l-mezzi biex tmantni lilha nnifisha u dwar il-manteniment tal-minuri D, il-kontestazzjoni tirrizulta mir-raba’ eccezzjoni.

6. Illi fis-sitt lok, il-hames talba tal-attrici mhix kontestata.

7. Illi fl-ahharnett, dwar is-sitt talba ta’ l-attrici, ghandhom jigu applikati l-effetti tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili kontra l-attrici li rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta’ zewgha tal-agir fuq imsemmi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat i-relazzjoni[1] tal-perit gudizzjarju l-Avukat Dottor Vincent Galea, minnu debitament mahlufa;

[1] Fol.372 *et seq.*

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-minuri D kameralment;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni gudizzjali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, imputabbli unikament lill-konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni, fosthom l-aspett tal-kura u kustodja tal-minuri, kif ukoll tal-manteniment ghall-istess minuri.

**Separazzjoni Personali**
Illi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fit-22 ta' Awissu 2000 u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel D li llum ghandu tmien [8] snin.

Illi fit-12 ta' Awissu 2002 l-attrici ottjeniet id-divorzju fl-Ingilterra; u fis-7 ta' Settembru 2002 regghet izzewwget, liema zwieg gie registrat f' Malta fis-27 ta' Settembru 2002. Hija baqghet tghix f' Malta flimkien mat-tieni ragel taghha li minnu ghandha tifel li allura jigi hu D.

Ferm il-premess, mhuwiex il-kaz li din il-Qorti tippronunzja ruhha dwar l-ewwel zewg talbiet, u dwar l-ewwel parti tar-raba' talba, stante li z-zwieg jinsab xjolt fit-12 ta' Awissu 2002 u l-partijiet diga' qedin jghixu separatament minn xulxin.

Illi jirrizulta ukoll minn verbal maghmul mill-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2002 li "ma hemm xejn x' jigi likwidat fil-komunjoni ta' l-akkwisti." u ghalhekk rigward il-hames u s-sitt talba il-Qorti ser tillimita ruhha billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet mid-data tax-xoljiment taz-zwieg, u cioe' mit-12 ta' Awissu 2002.

Illi ghalhekk dak li  jonqos li jigi deciz fil-kawza odjerna hija t-talba relattiva ghall-kura u kustodja tal-minuri, kif ukoll dik ghall-manteniment dovut ghall-istess.

**Kura u Kustodja**

Illi ma hemmx dubju li dan l-aspett tal-kawza jikkostitwixxi l-kontestatazzjoni principali bejn il-partijiet, stante li z-zewg genituri jridu jkunu partecipi kemm jista' jkun fil-hajja tat-tifel taghhom D.

Illi in propositu jimpera l-principju li f' materja ta' kura u kustodja l-Qorti ghandha tikkunsidera primarjament l-aqwa vantagg ghall-minuri, u li l-interess tal-minuri huma supremi fis-sens li jipprevalu fuq dawk tal-genituri;  u wkoll huwa fl-interess tal-minuri li z-zewg genituri jippartecipaw b' mod attiv possibbli fil-hajja tieghu.

Illi fil-kaz in dizamina, din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, thoss li l-kura u kustodja legali tal-minuri ghandha tibqa' wahda kongunta, filwaqt li dana jibqa' jghix ma' ommu l-attrici, bl-access favur il-missier; u decizjonijiet dwar l-edukazzjoni tal-minuri u s-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu flimkien, u f' kaz ta' dizgwid insuperabbli bejn il-partijiet, bl-intervent tal-Qorti, fuq talba ad hoc.

Illi l-modalita' ta' l-access tal-missier ghandu jkun hekk:

Kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mit-3.00  pm sas-6.00pm; u fis-sajf dan jigi estiz sad-9.00pm;

Kull weekend,  b' mod alternat: mill-Gimgha fis-6.00pm sas-Sibt 7.30pm;  u mis-Sibt fil-5.00 pm sas-Hadd 6.30pm; u fis-sajf l-access jigi estiz sad-9.00pm fiz-zewg perijodi.  Illi l-access jigi aggustat sabiex fil-jum l-omm u fil-jum il-missier, il-genitur koncernat ikollu l-access fil-jum tal-Hadd.

Kull Milied, l-Ewwel tas-Sena u l-Ghid b' mod alternat, mid-9.30 am sat-3.30 pm, u mit-3.30pm sas-7.30pm.

Fil-birthday tat-tifel, meta dan jinzerta f’ gurnata ta’ l-iskola, il-parti li dak inhar ma jkunx imissu maghha l-minuri, jkollha access almenu ghal perijodu ta’ saghtejn. Meta dan jahbat fil-weekend, allura l-hin u l-gurnata ghandhom jinqasmu b’ mod ugwali bejn il-partijiet.

Illi fil-kaz li fil-perijodu li genitur jkollhu l-kura fizika tal-minuri, dan jkollhu impenji b’ mod li ma jkunx jista’ jzomm il-minuri, dan il-genitur ghandu jikkuntatja lill-parti l-ohra biex din il-parti tiehu kura tal-minuri hi ghal dak iz-zmien jew hin.

*Safar*
Illi qed jigi dikjarat li, kif jirrizulta mill-provi, ir-residenza abitwali tal-minuri D, hija Malta; u din m’ ghandhiex tinbidel jekk mhux, bil-kunsens, moghti bil-miktub, taz-zewg partijiet, jew bl-intervent tal-Qorti.

Illi, stante li l-attrici hija ta’ nazzjonalita’ ngliza u ghandha l-familja taghha tghix fl-Ingilterra, l-attrici qeda tinghata l-fakolta’ li <u>fil-vakanzi tas-sajf</u> tal-minuri hija tkun tista’ ssifer mat-tifel lejn ir-Renju Unit ghall-perijodi li fl-assjem taqghhom jammontaw ghal tmienja u ghoxrin [28] gurnata; bil-kundizzjoni li gimghatjen qabel ma tkun ser issiefer, hija tipprezenta nota fir-registru ta’ din il-Qorti, notifikata lill-konvenut, indikanti <u>l-perijodi tas-safra</u>, u <u>l-indirizzi precizi</u> ta’ fejn ikun qed jirrisjedi l-minuri, kif ukoll <u>numru ta’ telefon</u> sabiex il-konvenut ikun jista’ jikkomunika mal-minuri, matul il-gurnata, mhux aktar minn darba kuljum.

Illi wara s-safra, il-konvenut qed jinghata access ta’ <u>gimgha shiha </u>mal-minuri, li tibda tiddekorri mill-ewwel gurnata tat-Tnejn fid-9.30pm sal-Hadd fis-7.30pm;  u dan jekk ma jkunx talab u ottjena permess minn din il-Qorti sabiex anke hu f’ xi zmien tas-sajf isiefer mal-minuri, f’ liema kaz japplikaw l-istess kondizzjonijiet fuq indikati, ghall-missier.

*Manteniment*
Illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha relevanti, il-Qorti tordna li <u>l-kontribut</u> tal-konvenut ghal manteniment ta’ ibnu minuri, ghandu jkun <u>sebghin lira maltin [Lm70] kull erba’</u>

gimghat pagabbli lill-attrici fir-residenza taghha; oltre, li jhallas l-ispejjez kollha relattivi ghall-edukazzjoni tal-minuri, inkluzi, l-mizati, trasport, uniformijiet, kotba u accessorji ohra, kif ukoll attivitajiet extra kurrikulari, organizzati mill-iskola. Filwaqt li l-ispejjez medici ta' natura straordidnajra ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet, pagabbli kontro r-ricevuti u l-invoices relattivi; kull parti ghandha thallas l-ispejjez medici nkorsi meta l-minuri ikun fil-kura taghha.

Illi l-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici ufficjali ta' l-gholi tal-hajja.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel u tat-tieni talba;

[2] tilqa' t-tielet talba limitatament kif fuq stabbilit that is-sezzjoni "Kura u Kustodja"; u tichadha ghall-kumplament;

[3]tilqa' ir-raba talba limitatament kif fuq stabbilit that is-sezzjoni "Manteniment"; u tichadha ghall-kumplament;

[4] tilqa' l-hames u s-sitt talba limitatament billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti mit-12 ta' Awissu 2002.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------